**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Nru.: 168/2023 RM**

**Emanuel Delia**

**-Vs-**

**Simon Mercieca**

**Illum, 3 ta' Lulju 2025**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Emanuel Delia fir-Reġistru tal-Qorti fis-7 ta' Lulju 2023 fejn talab lill-Qorti, previa dikjarazzjoni (1) illi l-intimat hu responsabbli bħala kittieb u pubblikatur tas-sit elettroniku simonmercieca.com, (2) illi l-pubblikazzjonijiet li dehru kif indikat fuq tali sit, cioe'l-ewwel wieħed fit-2 ta' Lulju 2023 (Dok A printout anness) u t-tieni wieħed fit-3 ta' Lulju 2023 (Dok B printout anness) huma i) fil-kaz ta' Dok A pubblikazzjoni li tikkostitwixxi malafama u libell fil-konfront tar-rikorrenti stante li l-asserzjonijiet hemm magħmula huma inveritieri u malafamanti kif jiġi muri waqt is-smiegħ u ii) fil-każ ta' Dok B pubblikazzjoni li tikkostitwixxi malafama u libell fil-konfron tar-rikorrenti stante li l-asserzjonijiet hemm magħmula huma inveritieri u malafamanti kif tantieħor ser jiġi muri fil-kors tal-kawża. Fil-każ ta' Dok B jirriżulta addirittura illi l-intimat ma' ottemporax ruħu mal-

provvedimenti tal-Art. 15 tal-Kap 579 meta naqas milli jippublika b'mod konformi mal-istess Kap 579 stqarrija bi "dritt ta' risposta" mibgħuta mir-rikorrent, kif ukoll ser jiġi muri waqt is-smiegħ. Talab lill-Qorti li tordnalu u tikkundannah iħallas lir-rikorrent dawk id-danni u/jew dik il-penali li jiġu stabbiliti mill-Qorti skont l-Artikolu ċitat, liema danni u/jew penali għandhom jiġu miżjuda peress illi l-intimat flok ma sempliċement ippubblika r-Right of Reply skont il-liġi, żied id-doża ta' malafama u b'malizja jew mod ieħor kompla jattribixxi fatti malafamanti lir-rikorrent minkejja dak li nġab a konjizzjoni tiegħu formalment.

Bl-ispejjeż kontra tiegħu imħarrek għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ppreżentat mill-konvenut Simon Mercieca fit-23 ta' Lulju 2023 fejn eċċepixxa:-

1. *Il-premessi u t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur;*

2. *Fil-mertu, il-pubblikazzjonijiet mertu ta' din il-kawża mhumiex libellużi jew malafamanti;*

3. *Fil-mertu u mingħajr pregudizzju għas-suespost, il-pubblikazzjonijiet mertu ta' din il-kawża jikkonsistu f'rappurtaġġ dwar materja ta' interess pubbliku aċċetabbli f'soċjeta demokratika, kemm taħt il-konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, kif ukoll taħt il-liġijiet ta' l-istampa;*

4. *Subordinatament u bla preġudizzju għal dak kollu suespost, fejn l-artikoli jikkontjenu kummenti jew opinjonijiet, il-pubblikazzjonijiet in kwistjoni jikkonsistu wkoll f'espresjoni ta' l-opinjoni u apprezament jew value judgement ta' l-esponenti u huwa fair comment magħmul in buona fede fuq materja ta' interess pubbliku, ammisibbli kemm taħt il-liġi ta' l-istampa, kemm taħt il-kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem;*

5. *Mhuwiex minnu li l-esponeneti ma kkonformax ruħu mad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 15 tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta' Malta u mhuwiex minnu li l-esponenti "żied id-doża ta' malafama";*

6. *F'kull każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma hemmx lok l-esponenti jiġi ikkundannat iħallas xi danni jew xi penali jew li d-danni jew il-penali "jiġu miżjuda" kif mitlub mill-attur. Hawn jispikka l-animu ta' l-attur li jrid iġib chilling effect fuq il-pubblikazzjonijiet ta' l-esponenti kif jiġi ppruvat ampjament matul is-smiegħ ta' din il- kawża;*

7. *Għalhekk it-talbiet ta' l-attur għandhom jiġu miċħuda fl-intier bl-ispejjeż kontra tiegħu*

Semgħet ix-xhieda kollha;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti proċesswali;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentat għall-attur fis-seduta tal-24 ta' April 2025 kif awtorizzat;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-konvenut ippreżentat fid-19 ta' Mejju 2025, kif awtorizzat;

Rat illi n-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri tal-attur ippreżentat fit-30 ta' Mejju 2025, ġiet ippreżentata mingħajr ebda awtorizzazzjoni u konsegwentement, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Din hija azzjoni għal malafama taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kapitolu 579)[1]: l-attur jikkontendi li żewġ artikoli ppubblikati mill-konvenut fuq is-sit elettroniku www.simonmercieca.com ('Simon Mercieca's Free Press'):-

- fit-2 ta' Lulju 2023 (Dok. A), intitolat '***Manuel Delia sought to strike a deal with Keith Schembri over the Mediterranean Film Facility: it did not go through because of the greed of Manuel Delia and his team***'; u
- fit-3 ta' Lulju 2023 (Dok. B) intitolat '***Manuel Delia confirms the sinister way government business was conducted at the time he was communications coordinator with Austin Gatt***'

[1] 'L-Att'.

huma diffamatorji fil-konfront tiegħu.

Fir-rigward tal-pubblikazzjoni tat-3 ta' Lulju 2023 l-attur qiegħed isejjes l-azzjoni wkoll taħt l-artikolu 15 tal-Att għaliex din tikkostitwixxi r-risposta tiegħu għall-artikolu pubblikat il-ġurnata ta' qabel mill-konvenut, iżda l-konvenut ma ppubblikax l-istqarrija li ntbagħat lilu in konformita' mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 15 tal-Att.

L-attur fir-Rikors promotur talab il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas tad-danni għal malafama u, safejn għandha x'taqsam il-pubblikazzjoni datata 3 ta' Lulju 2023, il-ħlas tad-danni għal malafama u/jew il-penali maħsub taħt l-artikolu 15(2)(f) tal-Att. Il-Qorti tosserva li l-attur fir-Rikors ma talabx li l-konvenut jiġi ordnat jippubblika d-dritt għar-risposta skont il-liġi, minkejja illi allegatament dan ġie pubblikat bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-istess artikolu 15 tal-Att. Dan ifisser li l-Qorti tista' biss, fl-eventwalita' li ssib li l-konvenut naqas milli josserva d-dispożizzjonijiet applikabbli għad-dritt għar-risposta, tikkundannah għall-ħlas ta' penali, kif ukoll, f'każ li ssib li l-istqarrijiet tal-konvenut fl-artikolu tiegħu tat-3 ta' Lulju 2025 huma diffamatorji, għall-ħlas tad-danni għall-malafama. Jekk imbagħad issib li l-pubblikazzjoni tat-2 ta' Lulju 2023 hija malafamanti, għandha tapplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 15(2)(ċ) tal-Att[2].

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-obbligu tal-pubblikazzjoni ta' risposta li ssir ai termini tal-artikolu 15 tal-Att bi tweġiba għal pubblikazzjoni li ssir fuq sit elettroniku, jinkombi fuq l-editur jew l-operatur tas-sit elettroniku[3]. Jirriżulta, u f'kull każ mhux kontestat, illi l-konvenut, Simon Mercieca, huwa l-editur tas-sit elettroniku skont kif imfisser fl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, għaliex huwa evidentement responsabbli għall-kontroll editorjali u għall-kontenut tal-midja pubblikat fuq l-istess sit elettroniku, għad illi jista' jitqies ukoll bħala l-operatur tas-sit elettroniku www.simonmercieca.com għall-finijiet tal-artikolu 15 tal-Att.

---

[2] *Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 11, fejn l-attur xorta jibda proċeduri ta' malafama minkejja l-fatt li r-risposta tiegħu tkun ġiet ippubblikata skont dan l-Att, il-Qorti għandha, fid-deċiżjoni tagħha, tikkunsidra dan il-fatt u tnaqqas kwalunkwe risarċiment kif ikun xieraq.*

[3] Paragrafu (d) tal-artikolu 15(2) tal-Att.

Il-Gatley, fir-rigward tat-terminu "*operator of a website*" fl-artikolu 5 tad Defamation Act [UK] 2013, li huwa l-ekwivalenti tal-artikolu 12 tal-Att [Kap. 579], jgħid hekk:-

"*Whether an operator* [of a website] *is the person who has the effective control of the site itself or simply the content is not entirely clear, though, as the provision is concerned with removing content, the latter interpretations seems more likely. For many sites, there is likely to be more than one person entitled to reply on the "operator" defence. Thus, not only is the 'owner' of a social networking page an operator for the purposes of s.5 but so would be the entity that owns the website hosting the pages. This would also be the case with most blog platforms.*[4]

F'kull każ, mhux kontestat illi, bħala fatt, il-konvenut ippubblika r-risposta li ntbagħtitlu mill-attur fuq is-sit elettroniku www.simonmercieca.com fit-3 ta' Lulju 2023 u fit-terminu stabbilit mil-liġi.

Stabbilit dan il-punt iżda, il-Qorti hija tal-fehma illi l-attur għandu raġun illi l-pubblikazzjoni da parti tal-konvenut bħala l-editur u jew operatur tas-sit www.simonmercieca.com tal-istqarrija tal-attur b'eżerċizzju tad-dritt għar-risposta, ma hijiex konformi mal-ħtiġiet tal-liġi fl-artikolu 15(2)(d) tal-Att safejn dan jiddisponi: "*Fil-każ ta' midja li tikkonsisti f'sit elettoniku* .... (i)*r-risposta għandha tingħata l-istess prominenza li ngħatat lid-dikjarazzjoni li għaliha saret ir-risposta.*" Evidentement, id-dikjarazzjoni li dwarha l-attur eżerċita d-dritt għar-risposta, kienet ippubblikata fit-2 ta' Lulju 2023 fil-forma ta' artikolu intitolat '*Manuel Delia sought to strike a deal with Keith Schembri over the Mediterranean Film Facility: it did not go through because of the greed of Manuel Delia and his team'*. Il-Qorti fehmet illi dan l-artikolu kien ippubblikat fuq is-sit elettroniku bħala artikolu separat b'mod li il-qarrej interessat, b'għafsa ta' buttuna, jista' jniżżel l-artikolu biex jaqrah. Mhux hekk biss, il-qarrej li jniżżel l-artikolu ma jsib xejn ħlief il-korp tal-artikolu nnifsu mitkub mill-awtur mingħajr ebda preludji u mingħajr ma jkollu l-ewwel jaqra xi artikolu jew

[4] Gatley on Libel and Slander – 6.39, p. 240. 12th Edition, Sweet & Maxwell, 2013.

dikjarazzjoni oħra biex jasal għall-korp tal-artikolu. Il-Qorti għalhekk tistenna li ġaladarba l-konvenut għażel li jippubblika r-risposta tal-attur b'eżerċizzju tad-dritt mogħti taħt l-artikolu 15 tal-Att, kellu jagħmel dan b'mod li tidher fuq is-sit elettroniku tiegħu bl-istess prominenza tal-artikolu oriġinali, ċioe' billi jittella' fuq is-sit id-dikjarazzjoni tal-attur bit-titolu ta' dritt għar-risposta, u b'aċċess faċli, dirett u immedjat għall-kontenut tal-istess dikjarazzjoni.

Madankollu, minn ħarsa ħafifa lejn l-intestatura tal-pubblikazzjoni tat-3 ta' Lulju 2023, '*Manuel Delia confirms the sinister way government business was conducted at the time he was communication coordinator with Austin Gatt*', huwa minnufih ovvju li din ma tagħmel ebda riferenza u ma fiha ebda ħjiel materjali għall-fatt li l-pubblikazzjoni fiha, jew għandha tinsab fiha, id-dikjarazzjoni tal-attur in linea ta' risposta għall-artikolu pubblikat mill-konvenut fit-2 ta' Lulju 2023. Mhux hekk biss, talli kif il-qarrej iniżżel l-artikolu (Dok. B), isib quddiem għajnejh mhux ir-risposta tal-attur iżda artikolu ta' xejn inqas minn ħames faċċati miktuba mill-konvenut, kontenenti kummenti u sottomissjonijiet intiżi biex jikkontradixxu u jġibu fix-xejn id-dikjarazzjoni li għamel l-attur fir-risposta tiegħu. Risposta li l-qarrej jasal għaliha biss wara li jkollu jaqra l-ħames faċċati ta' kritika apprioristika tal-istess risposta[5].

Għalhekk, filwaqt li huwa minnu li l-konvenut ippubblika r-risposta tal-attur, huwa evidenti li l-konvenut għamel kollox biex jistultifika l-effikaċja tad-dritt għar-risposta għaliex din mhux talli ma ngħatatx l-istess prominenza bħalma ngħatat lill-artikolu tal-konvenut tat-2 ta' Lulju 2023, talli ma ngħatat ebda prominenza kwalsiasi b'mod li fil-fehma tal-Qorti il-pubblikazzjoni saret kważi inutilment.

Għaldaqstant, huwa ppruvat illi fil-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-attur bl-eżerċizzju tad-dritt għar-risposta il-konvenut naqas pależement milli jħares id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 15(2)(d) tal-Att u kwindi huwa passibbli għall-penali maħsub fl-artikolu 15(2)(f) tal-istess Att.

---

[5] Fir-rigward, il-konvenut xehed: "*… primarjament t-tieni artikolu huwa lista, kumment tiegħi ta' dak li qed jikteb Manuel Delia.*" Xhieda tal-11 ta' Jannar 2024.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jimpunja bħala diffamatorju żewġ artikoli miktuba u pubblikati mill-konvenut Simon Mercieca fuq il-*blog* tiegħu bl-isem 'Simon Mercieca's Free Press', wieħed fit-2 ta' Lulju 2023 u l-ieħor fit-3 ta' Lulju 2023, bl-artikolu tal-aħħar jiġi pubblikat wara u abbażi tad-dikjarazzjoni li l-konvenut irċieva mingħand l-attur għall-pubblikazzjoni b'eżerċizzju tad-dritt għar-risposta.

Billi ż-żewġ artikolu jittrattaw l-istess materja u ġew ippubblikati mill-konvenut fuq l-istess *medium* jumejn in fila, il-Qorti, sabiex tgħaddi sabiex tidentifika l-imputazzjonijiet li saru fir-rigward tal-attur, sejra tqishom bħala pubblikazzjoni waħda.

**Simon Mercieca, il-konvenut**, fil-pubblikazzjonijiet mertu tal-każ, jallega illi n-negozjati li kienu saru bejn il-Gvern, rappreżentat mill-attur meta kien *chief of staff* tal-Ministru Austin Gatt, u Keith Schembri għall-ħabta tal-2006 jew 2007 dwar proposta ta' investiment potenzjali minn Ascent Media fil-faċilitajiet tal-films fuq is-sit li dak iż-żmien kien konċess mill-Gvern lil Mediterranean Film Studios f'Rinella, kienu ġew stultifikati mill-attur fi stadju meta kien diġa' ntlaħaq qbil mat-tim ta' investituri li jitħallas l-ammont ta' 1.2 miljun Lira Maltija għall-akkwist tas-sit u l-faċilitajiet li kien hemm fuqu, u meta l-istess tim kien f'pożizzjoni li jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha imposti mill-Gvern biex japprova t-trasferiment tal-konċessjoni lill-investituri l-ġodda. Jgħid li dan sar għaliex l-attur irranġa biex jinnegozja direttament huwa stess ma' Ascent Media għal investiment fil-film studios f'Malta minn wara dahar Keith Schembri u s-soċji tiegħu u, sabiex jiġi mħassar in-negozju li kien qed isir magħhom, intbagħat email fejn l-istess Keith Schembri u s-soċji tiegħu ġew mgħarrfa illi l-ammont li kellu jitħallas biex jiġi approvat it-trasferiment tal-konċessjoni enfitewtika minn Mediterranean Film Studios Limited, kien qed jiżdied minn 1.2 miljun lira Maltija għal għaxar miljun lira Maltija.

Il-konvenut ikompli jgħid illi wara li kien intbagħat dak l-email, l-attur siefer lejn Los Angeles biex jiltaqa' mar-rappreżentanti ta' Ascent Media Group u jikkonvinċihom biex jinvestu fis-settur tal-films f'Malta. Madanakollu, dejjem skont il-konvenut, l-attur kien fehem erronjament li Keith Schembri kien qed jinnegozja għan-nom tal-branka ta' Ascent Media Group ġewwa l-Istati Uniti, liema kumpannija madanakollu, ma kienetx interessata tinvesti f'Malta.

Ġie asserit mill-konvenut fiż-żewġ pubblikazzjonijiet tiegħu illi n-negozjati ma' Keith Schembri, li kien waslu fi stadju avvanzat, tħassru b'konsegwenza ta' egħmil deliberat da parti tal-attur, li kien motivat minn rgħiba ('*greed*'), liema egħmil tellef mhux biss l-opportunita' ta' investiment f'Malta minn kumpannija estera iżda wkoll l-opportunita' ta' impieg għal mijiet ta' persuni fis-settur tal-films f'Malta. Saħaq illi in segwitu għaż-żieda astronomika u għall-għarrieda fl-ammont li kien qed jitlob il-Gvern biex jirratifika t-trasferiment tal-konċessjoni enfitewtika, Ascent Media fl-Ewropa tilfet l-interess fl-akkwist u lanqas ma sar xi ftehim mal-branka tal-kumpannija fl-Istati Uniti. Il-konvenut jikkritika wkoll id-deċiżjoni tal-attur li jmur l-Amerika biex jiltaqa' ma' Ascent Media flimkien ma' negozjant[6] li la kien Malti u lanqas kien xi espert jew jaħdem fil-qasam tal-midja, u wkoll flimkien mal-Kummissarju tal-Films ta' dak iż-żmien, Luisa Bonello, li kienet qariba tal-Ministru Austin Gatt.

**L-attur, Emanuel Delia**, fid-dikjarazzjoni li bagħat lill-konvenut biex tiġi pubblikata bħala risposta għall-artikolu pubblikat fit-2 ta' Lulju 2023, saħaq li bosta asserzjonijiet li għamel il-konvenut huma inveritieri jew mhux korretti. Jaqbel illi huwa kien responsabbli għall-Kummissjoni tal-Films u li għall-ħabta tal-2006 jew 2007 kellu żewġ laqgħat ma' Keith Schembri. Jgħid illi għall-ewwel laqgħa kien preżenti wkoll il-Ministru Austin Gatt u f'dik il-laqgħa ġiet diskussa l-proposta ta' Keith Schembri u s-soċji tiegħu, li kellhom l-appoġġ finanzjarju ta' Cinecitta', sabiex jinvestu fil-faċilitajiet tal-films fis-sit ġewwa r-Rinella. L-attur jiċħad li kien qed jinnegozja ma' Keith Schembri it-trasferiment tas-sit in kwistjoni u saħaq illi fi kwalsiasi każ, it-

[6] Carlo Tagliabue.

trasferiment tas-sit seta' jsir biss b'riżoluzzjoni parlamentari iżda l-gvern ma kienx għadu ħareġ ebda tender jew sejħa għal espressjoni ta' interess b'rabta mas-sit fejn jinsabu l-faċiltajiet tal-film studios f'Rinella[7]. L-attur iddikjara wkoll illi Keith Schembri u s-soċji tiegħu ma kellhom ebda esperjenza fis-settur tal-films u għalkemm kienu wrew li kellhom l-appoġġ tal-istudios ta' Cine Citta' li kienu bbażati f'Ruma, f'ebda waqt ma kienu semmew li kienu qed jirrappreżentaw lil Ascent Media. Ċaħad li kienet saret offerta minn Keith Schembri u s-soċji tiegħu għall-akkwist tas-sit tal-film studios f'Rinella jew li huwa kien semma ċ-ċifra ta' għaxar miljun lira jew xi ammont ieħor, u kkonferma li l-proposta ta' Keith Schembri u t-tim tiegħu għall-investiment fis-sit tal-film studios f'Rinella lanqas setgħet tiġi kkunsidrata għaliex wara t-tieni laqgħa kien sar jaf li s-sit kien mogħti mill-gvern lil terzi permezz ta' konċessjoni enfitewtika. Ikkonferma wkoll illi l-konċessjonarju, Mediterranean Film Studios Limited, kien moruż fil-ħlas taċ-ċens u fil-ħlas ta' utilitajiet oħrajn fis-sit, u f'kull każ kellha qabel xejn tiġi deċiża l-kawża li kienet ġiet istitwita l-istess konċessjonarju għall-iżgumbrament mis-sit. Fuq kollox, skont l-attur, qatt ma kien hemm ebda ftehim ta' ebda xorta, lanqas b'mod informali, ma' Keith Schembri u s-soċji tiegħu biex jingħata xi titolu fuq is-sit, u qatt ma saret ebda wegħda li s-sit kien sejjer jinbiegħ jew jiġi trasferit la lil Keith Schembri u lanqas lil xi ħaddieħor, għaliex il-gvern kien marbut mal-konċessjonarju eżistenti. L-attur, madanakollu, afferma li Keith Schembri kien ġie mgħarraf formalment f'xi stadju li l-gvern ma setax ikompi jiddiskuti l-proposta għaliex is-sit kien allokat lil terzi.

L-attur jinnega wkoll li huwa kien għamel kuntatt ma' Ascent Media fl-Istati Uniti, iżda jistqarr li kien mar flimkien ma' delegazzjoni uffiċjali li kienet tinkludi Luisa Bonello il-Kummissarju tal-Films dak iż-żmien[8], u għamel preżentazzjoni fl-uffiċini

---

[7] Dr. Austin Gatt, il-Ministru responsabbli għall-Malta Film Commission fiż-żmien rilevanti, xehed illi kien hemm diversi persuni li kienu wrew interess li jieħdu f'idejhom il-faċilitajiet f'Rinella iżda l-gvern dak iż-żmien ma kellux il-pussess tas-sit għaliex dan kien mogħti b'konċessjoni enfitewtika lil Mediterranean Film Studios Limited, li ma kienetx qed tħallas iċ-ċens u lanqas tagħmel investiment fil-faċiltajiet. Xehed illi l-unika soluzzjoni kienet tkun ftehim ta' ċessjoni mal-konċessjonarju u kien f'dak is-sens li saru n-negozjati ma' Keith Schembri li kien qal li kellu kuntatti ma' Cinecitta' u xtaq jieħu f'idejh il-konċessjoni tal-faċilitajiet ta' Rinella.

[8] Dan ġie affermat mill-istess Carlo Taglilabue li xehed illi huwa kien iltaqa' ma' Emanuel Delia iżda mhux in konnessjoni mal-film studios. Huwa kien producer tal-films kif ukoll rappreżentant ta' Nestle'

tagħhom fuq talba ta' konsorzju ta' kumpanniji fis-settur tal-produzzjoni tal-films fl-Italja, rappreżentat minn Carlo Tagliabue, li riedu jikkonvinċu lil Ascent Media US biex jaħdmu magħhom ġewwa Malta, iżda dan ma kienx irnexxa. Saħaq madankollu li fl-ebda waqt ma kienu saru xi diskussjonijiet ma' Ascent Media dwar l-akkwist jew trasferiment tas-sit konċess lil Mediterranean Film Studios Limited.

Dan ġie kkonfermat minn Luisa Bonello fix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti, li saħqet li t-trasferiment jew bejgħ tal-faċilitajiet tal-films f'Malta la kien fuq l-aġenda u lanqas ma kien ġie diskuss ma' Ascent Media US fil-laqgħa li saret f'Los Angeles. Dr. Austin Gatt, filwaqt li fix-xhieda tiegħu afferma li kellu laqgħa waħda ma' Keith Schembri fejn esprima interess li jopera l-film studios ġewwa Rinella, eskluda kategorikament li kien iddiskuta miegħu xi prezzijiet għat-trasferiment tas-sit tal-film studios, għaliex ma seta' jsir ebda negozju dwar is-sit qabel jiġi xjolt il-konċessjoni enftitewtika maċ-ċenswalist eżistenti jew jintlaħaq xi ftehim miegħu għat-trasferiment tal-konċessjoni.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tgħid illi filwaqt li hija taqbel li l-attur kellu dritt li jwieġeb għal xi dikjarazzjonijiet li saru fl-artikolu pubblikat mill-konvenut fit-2 ta' Lulju 2023 u li huwa jqis li m'humiex korretti jew veritieri, u dan billi jikseb il-pubblikazzjoni ta' dikjarazzjoni in linea ta' kontradizzjoni jew spjegazzjoni, ma jistax permezz tal-azzjoni għal malafama, jippretendi li jiġu korreġuti xi stqarrijiet foloz jew jikseb xi dikjarazzjoni li l-kontenut tal-artikoli pubblikati mill-konvenut ma humiex veritieri. L-azzjoni għal malafama hija l-istrument legali għad-difiża tar-reputazzjoni li tipprovdi rimedju f'danni għall-ħsara lir-reputazzjoni. L-istħarriġ ġudizzjarju li għandu jsir f'azzjoni bħal din huwa preordinat għad-determinazzjoni dwar jekk l-istqarrija impunjata fihiex imputazzjoni diffamatorja li kkaġunat jew fihiex il-

f'Malta li kien organizza l-laqgħa f'Los Angeles biex jiġu esplorati servizzi u faċilitajiet ta' filming f'Malta li setgħu kienu ta' interess għall-kumpannija SST Production Consultants, iżda din iż-żjara ma kellha x'taqsam xejn mal-film studios f'Rinella. Dan ġie konfermat ukoll minn Luisa Bonello (xhieda tad-19 ta' Settembru 2024)

propensita' li tikkawża ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata u fl-affermattiv, il-likwidazzjoni tad-danni, u xejn iktar minn hekk. Ukoll, l-azzjoni m'hijiex intiża biex jiġu korreġuti stqarrijiet li jkunu foloz jew mhux fattwalment korretti jew akkurati, u m'huwiex kompitu tal-Qorti f'azzjoni għal malafama li tiddeċiedi jekk dak li jkun kiteb il-pubblikatur huwiex korrett, jekk kellux jinkludi materjal addizzjonali jew jekk kellux jiġi mitkub bl-użu ta' kliem differenti minn dawk attwalment użati fid-dikjarazzjoni impunjata[9].

Madankollu, l-attur kellu dritt li jwieġeb l-allegazzjonijiet foloz u jesiġi l-pubblikazzjoni ta' dikjarazzjoni bi spjegazzjoni, ċaħda jew kjarifika tal-fatti, kif del resto għamel meta talab lill-konvenut jippubblika d-dikjarazzjoni li ġiet in segwitu pubblikata fit-3 ta' Lulju 2023, għad illi, kif ġie stabbilit diġa', il-pubblikazzjoni ta' dik id-dikjarazzjoni ma saritx b'osservanza tar-regoli dwar id-dritt għar-risposta.

Stabbilit dan, u safejn l-attur jikkontendi li saru diversi stqarrijiet foloz fil-pubblikazzjonijiet impunjati, għandu jingħad ukoll illi filwaqt li teżisti presunzjoni ta' falsita' tal-istqarrija allegatament diffamatorja, mhux kull stqarrija li hija falza hija wkoll neċessarjament diffamatorja, għaliex taħt l-artikolu 3(4) tal-Att, stqarrijiet mhumiex diffamatorji sakemm ma jikkaġunawx jew sakemm ma jkollhomx il-potenzjal li jikkaġunaw, ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna li ġġib 'il quddiem l-azzjoni għal malafama.

Għalhekk il-fatt li jista' ma jkunx minnu li l-attur evita li jippubblika artikoli fuq il-*blog* tiegħu bis-suġġett ta' Keith Schembri, din l-imputazzjoni, għad illi ma jidhrix li għandha mis-sewwa[10], ma għandhiex ukoll tifsira inerentement diffamatorja għaliex kif taraha l-Qorti ma hemm xejn diffamatorju fl-allegazzjoni *ut sic* li ġornalist, anke ġornalist li huwa attiv fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalita' organizzata u jippropoga fil-kitbiet tiegħu l-importanza tal-prinċipji fondamentali ta' soċjeta'

---

[9] F'kull każ "*It is no part of the court's function to penalise a defendant for sloppy journalism – still less for tastelessness of style*" : **Turcu v News Group Newspapers Ltd** [2005 EWHC 799 (QB) [105] and [111] per Eady J.

[10] Ara Dok. KS.

demokratika fosthom is-saltna tad-dritt u l-governanza tajba, ma jippubblikax artikoli bi kritika b'mod speċifiku tal-persuna ta' Keith Schembri. L-istess l-allegazzjoni li l-attur bħala uffiċjal pubbliku fil-Ministru ta' Austin Gatt, kien daħal f'negozjati ma' Keith Schembri biex ibiegħ il-faċilitajiet ta' Mediterranean Studios; li l-gvern kien ħareġ sejħa għal espressjonijiet ta' interess jew xi tender għall-faċilitajiet in kwistjoni, li saret offerta minn Ascent Media tramite Keith Schembri għal investiment fil-faċilitajiet tal-films f'Rinella u kien intlaħaq ftehim informali li s-sit kien ser jiġi trasferit għaċ-ċifra ta' miljun Lira Maltija; li l-attur kien qed jikteb notamenti waqt il-laqgħa ma' Keith Schembri u s-soċji tiegħu u telaq mill-kamra biex jagħmel tfittxija *online* fuq Ascent Media; li l-gvern iddeċieda li jirriġetta l-offerta li saret għan-nom ta' Ascent Media għall-akkwist tal-faċilitajiet billi jitlob prezz ta' għaxar miljun Lira Maltija; u li l-attur ikkuntattja lil Ascent Media f'Los Angeles u mar jiltaqa' magħhom akkumpanjat minn Carlo Tagliabue:- għalkemm dawn jista' jkun li m'humiex korretti jew addirittura foloz, ma jfissirx li huma wkoll diffamatorji.

Iżda l-attur jilmenta wkoll illi fil-pubblikazzjonijiet impunjati, il-konvenut oltrepassa l-limiti tal-kritika aċċettabbli għaliex attakka l-karattru morali u l-integrita' tiegħu b'imputazzjonijiet ta' ipokrisija, bil-konsegwenza potenzjali li jiskreditah fir-rwol tiegħu ta' attivist tas-soċjeta' ċivili li jimmilita favur il-governanza tajba, trasparenza u kontabbilita' fil-ħajja pubblika, u kontra l-korruzzjoni.

Evidentement, il-konvenut irċieva informazzjoni minn sors dwar il-mod mhux ortodoss kif l-attur, diversi snin ilu, kien allegatament ikkonduċa negozjati b'rabta ma' espressjoni ta' interess li kien sar minn Keith Schembri u soċji tiegħu fl-akkwist tas-sit tal-film studios f'Rinella, u ddeċieda li jippubblika dawn l-allegazzjonijiet fil-forma ta' artikolu fil-*blog* tiegħu fuq www.simonmercieca.com iżda mhux biss: b'żieda mal-allegazzjonijiet ta' fatt, il-konvenut ippubblika wkoll il-fehmiet kritiċi tiegħu dwar dik il-kondotta u l-implikazzjonijiet tagħha.

Dan kollu premess u stabbilit, għandu jingħad illi filwaqt li l-allegazzjonijiet ta' fatt individwali li l-attur jikkontendi li huma foloz, fihom infushom u meqjusin waħedhom

ma jattribwixxu ebda kondotta ħażina, illegali jew immorali lill-attur, hija l-fehma tal-Qorti illi moqrijin flimkien u komplessivament, dawn jinferixxu illi l-attur mexa b'kondotta mhux xierqa u mhux etika f'xi negozjati li kienu qed isiru bejn il-Gvern u interessi privati, biex jaġevola interessi personali tiegħu jew ta' xi ħaddieħor.

Mhux hekk biss: minn qari taż-żewġ artikoli u l-allegazzjonijiet ta' fatt kif ukoll id-dikjarazzjonijiet ta' opinjoni kollha li saru fir-rigward tal-attur, fl-assjem tagħhom, il-Qorti tqis illi qarrej ordinarju u raġjonevoli malajr jifhem ukoll illi l-konvenut qed iwassal l-imputazzjoni illi l-attur huwa ipokrita, għaliex filwaqt li huwa attiv fil-pubbliku bħala persuna li hija attiva fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u favur is-saltna tad-dritt, fir-rwol tiegħu ta' chief of staff tal-Ministru Austin Gatt kien mexa huwa stess b'nuqqas ta' trasparenza u nuqqas ta' etika, b'mod speċifiku fin-negozjati għall-bejgħ tal-faċilitajiet ta' Rinella lil Ascent Media rappreżentata minn Keith Schembri, fejn il-kondotta tiegħu kienet waħda ta' rgħiba ('*greed*'), arroganti, vendikattiva, kif ukoll illeċita. Dan huwa deżumibbli mill-użu tal-kelma '*crooks*' b'riferenza *inter alia* għall-attur, u l-assimilazzjoni tal-kondotta tal-attur u t-tim tiegħu fil-Ministeru ta' Austin Gatt, mal-kondotta tal-mafia.

L-imputazzjoni ta' ipokrizija hija mnissla b'mod speċifiku mill-fatt illi għalkemm l-attur huwa persuna attiva ferm fis-soċjeta' ċivili u fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalita' organizzata anke permezz tal-pożizzjoni għolja li jokkupa fl-għaqda Repubblika li tippromwovi l-prinċipji fondamentali ta' soċjeta' demokratika fosthom is-saltna tad-dritt u l-governanza tajba, fil-kariga pubblika li kellu fil-passat huwa kien ġab ruħu b'nuqqas ta' etika u trasparenza u b'kondotta li tikkozza mal-valuri li llum jippropaga anke permezz tal-pubblikazzjonijiet ġornalistiċi tiegħu. Id-dikjarazzjoni fl-artikolu tat-2 ta' Lulju 2023 fis-sens illi l-attur "*rarely attacks Keith Schembri even though Europol indicated Keith Schembri as one of the prime suspects in the murder of Daphne Caruana Galizia*", meħuda f'dan il-kuntest, ukoll tkompli ssaħħaħ l-imputazzjoni ta' ipokrisija għaliex filwaqt illi, kif ingħad qabel, il-konvenut saħaq li l-attur jiftaħar li huwa attiv fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, jgħid ukoll fl-istess waqt li huwa magħruf illi Europol kienu qed iqisu lil Keith Schembri bħala wieħed mis-

suspettati ewlenin fl-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia li kif inhu magħruf, meta inqatlet kienet qed tinvestiga korruzzjoni fl-ogħla livelli tal-gvern.[11]

Il-Qorti taqbel mal-attur li l-użu tal-kelma "*greed*", fit-titolu tal-ewwel pubblikazzjoni impunjata (Dok. A) biex jiddeskrivi r-raġuni l-għala n-negozjati għat-trasferiment tal-konċessjoni tas-sit tal-Mediterranean Film Studios kienu fallew, u l-użu tal-kelma "*crooks*" b'riferenza *inter alia* għall-attur[12], jagħti x'jifhem li l-attur stultifika n-negozjati li allegatament kienu qed isir bejn il-Gvern u l-privat, għaliex kellu interess personali jew biex jagħmel gwadann għalih innifsu. Billi ma jagħmilx sens li uffiċjal pubbliku jaġixxi b'rgħiba biex jaġevola l-interessi tal-Gvern, l-użu tal-kelma '*greed*' fil-kuntest imsemmi jista' jfisser biss li l-attur mexa b'kondotta ħażina fin-negozjati mertu tal-pubblikazzjoni għaliex kellu interess personali, u bl-iskop li jipprova jikseb xi benefiċċju personali mill-kariga pubblika tiegħu dak iż-żmien. L-implikazzjoni li l-attur kellu xi xejra ta' interess privat fin-negozju in diżamina hija msaħħa ulterjorment bl-allegazzjoni li huwa kien akkumpanjat minn negozjant privat fuq delegazzjoni uffiċjali tal-Gvern biex jinnegozjaw direttament mal-kumpannija estera wara li kien waqqaf ħesrem in-negozjati li kienu qed isiru mal-persuni li kienu qed jirrappreżentaw l-interessi ta' dik il-kumpannija barranija dwar l-istess investiment potenzjali[13].

Ikkunsidrat;

---

[11] Din it-tifsira tkompli tiġi rinforzata minn dak li kiteb il-konvenut stess f'artikolu ieħor li dehret fuq il-*blog* tiegħu ftit wara, fis-17 ta' Lulju 2023, fejn b'riferenza għall-industrija tal-films taħt gvern nazzjonalista, qal: "*Back then, honest individuals attempted to invest in the film business. However, somebody at this ministry was shooting down these attempts that would have provided jobs to the Maltese. … the film sector fell under the ministry of Austin Gatt, and Manuel Delia was the government official entrusted with negotiating with those interested in this business. Delia did not deny that he was the man that was taking care of this sector on behalf of his Minister Austin Gatt but insisted that he had always done his job honestly and correctly.*" - Dok. SM2 esebit mill-konvenut fis-7 ta' Marzu 2024.

[12] Ara paġna 7 tal-atti tal-kawża, Dok. A.

[13] Fir-rigward, il-konvenut xehed:- "*… wieħed Taljan mar miegħu l-Amerika jitkellem miegħu fuq l-issue. … spjegali kif person of trust tal-gvern jitla' ma' persuna privata … Meta nitkellmu tant fuq separation of powers…*" Xhieda tal-11 ta' Jannar 2024.

Imiss għalhekk li jiġi stabbilit jekk l-imputazzjonijiet li jinftiehmu minn qari taż-żewġ pubblikazzjonijiet tal-konvenut, humiex diffamatorji.

Illi l-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama jistipola stqarrijiet ippubblikati fil-midja m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx jew huma kapaċi jikkaġunaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata. Il-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni hija fondamentali għall-azzjonabbilita' tal-malafama taħt l-Att tant illi mingħajrha, l-istqarrijiet impunjati ma jistgħux jitqiesu li huma diffamatorji.

Illi bl-introduzzjoni tal-kriterju ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna (u telf finanzjarju serju fil-każ ta' korp li jopera għal profitt) għall-prova tad-diffamazzjoni, **jeħtieġ li jiġi ppruvat mhux biss it-tifsira gravi u diffamatorja tal-kliem jew stqarrijiet pubblikati, iżda wkoll l-impatt negattiv fattwali ikkaġunat b'effett tal-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet, jew il-potenzjalita' ta' impatt bħal dak**. Għalhekk, mhux biżżejjed li l-karattru diffamatorju tal-istqarrija impunjata jiġi stabbilit biss b'referenza għat-tifsira tal-kliem u t-tendenza inerenti tagħhom li jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata. Illum, għas-suċċess tal-azzjoni jeħtieġ addizzjonalment li l-persuna aggravata jiddemostra bħala fatt, anke permezz ta' inferenza ta' fatt, illi l-ħsara kkawżata mill-pubblikazzjoni kienet serja jew hi potenzjalment serja[14].

Skont Gatley:-

"*Whether the threshold of serious has been met is a multifactorial question, that ... will require the court to consider matters such as the* ***nature and the inherent gravity of the allegation****, whether the publication was oral or written,* ***the status and the number of publishees and whether the allegations were believed, the status of the publisher and whether this makes it more likely that the allegation will be believed*** *and the transience of the publication.*"[15] (enfasi tal-Qorti)

[14] *Ibid*. para. 21 tad-deċiżjoni.
[15] Gatley, *ibid.* 2.4, pg. 39.

Skont kif ġie mfisser fid-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit fil-każ ċelebri **Bruno Lachaux v. Independent Print Ltd et**, il-kriterji ġodda stabbiliti fl-artikolu 1 tad-Defamation Act (2013), li hu l-ekwivalenti tal-artikolu 3(4) tal-Att domestiku, għall-azzjonabbilita' tal-malafama, ifisser li llum jeħtieġ li jiġi ppruvat mhux biss in natura diffamatorja tal-kliem jew stqarrijiet pubblikati iżda wkoll l-impatt negattiv ikkaġunat b'effett tal-pubblikazzjoni:-

"*...The reference* [is] *to a situation where the statement "has caused" serious harm is to the consequences of the publication, and not the publication itself.* ***It points to some historic harm, which is shown to have actually occurred. This is a proposition of fact which can be established only by reference to the impact which the statement is shown actually to have had****. It depends on a combination of the inherent tendency of the words and their actual impact on those to whom they were communicated. The same must be true of the reference to harm which is "likely" to be caused.*"[16] (enfasi ta' din il-Qorti)

Min-naħa tagħhom, Duncan and Neil, f'*On Defamation*', ifissru l-proċess tad-determinazzjoni tal-element diffamatorju, hekk:-

"*there is, therefore, a two-stage process to determine whether a publication is 'defamatory' of a claimant. ... This involves ascertaining what meaning(s) the statement conveys and whether, in that meaning (or meanings), it has a defamatory tendency. A claim may fail at this stage. Secondly, it is necessary to determine whether publication of the statement has caused or is likely to cause, serious harm to the claimant's reputation. ...* "[17]

---

[16] Paragrafu 14 tad-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit **Bruno Lachaux v. Independent Print Ltd et**.

[17] Page 34 4.08. Iżidu jgħidu li fost il-fatturi illi huma rilevanti għall-kwistjoni jekk il-ħsara (attwali jew probabbli) ikkawżata bil-pubblikazzjoni hija fil-fatt serja, insibu l-firxa u l-istatus tal-pubblikazzjoni u n-natura tal-udjenza, il-pożizzjoni tal-persuna aggravata, ir-rejazzjoni ta' dawk li lilhom l-istqarrija ġiet ippubblikata u kull effett attwali li din kellha fuq il-persuna aggravata. *Ibid.* para. 4.13, page 35/36.

Għalhekk, il-Qorti trid tgħaddi biex tistabbilixxi jekk il-kriterju ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur hijiex sodisfatta bil-prova li l-imputazzjonijiet imnissla mill-istqarrija, fihomx tifsira inerentement diffamatorja, u fl-affermattiv, jekk il-pubblikazzjoni kellhiex impatt jew tendenza ta' ħsara serja fuq ir-reputazzjoni.

Illi bla tlaqiq il-Qorti tqis li l-imputazzjonijiet ta' ipokrisija u kondotta mhux etika korruzzjoni għandhom tifsira malafamanti għaliex huma kapaċi jinftiehmu bħala attakk fuq il-karattru morali tal-persuna aggravata li jnaqqaslu ġieħu f'għajnejn is-soċjeta' in ġenerali. Imputazzjoni li xi ħadd li jokkupa kariga pubblika, huwa persuna rgħiba u jinnegozja b'mod mafjuż u b'nuqqas ta' trasparenza u etika, għandha tifsira inerentement diffamatorja u fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-attur bħala l-persuna aggravata, tiskreditah ulterjorment għaliex bħala ġornalist u attivist fis-soċjeta' ċivili li jaħdem biex jippromwovi l-valuri ta' soċjeta' demokratika u jiġġieled kontra l-korruzzjoni, tesponih ukoll bħala ipokrita. Ipokrita li ma jixraqlux jingħata kredibbilita' fir-rwol tiegħu ta' attivist kontra l-korruzzjoni u favur il-prinċipji tal-governanza tajba.

Skont Gatley, "*An imputation of hypocrisy is still likely to be treated as defamatory whether it means dishonest pretence or not living up to stated principles though an imputation of hypocrisy will frequently be treated as a statement of opinion*"[18]

Jispjega dan billi jikkummenta hekk:-

"*It has been held to be defamatory to publish of a person that he is a '... swindler .... a greedy sinecurist, a crook, ... dishonest ... a hypocrite, ... or indiscreet or arrogant ...*"[19]

Dan stabbilit, u in kwantu għall-impatt ta' ħsara sejra li jikkostitwixxi t-tieni kriterju li għandu jiġi sodisfatt għall-prova tan-natura diffamatorja tal-istqarrija impunjata, il-

---

[18] B'riferenza għal **Cook v. Telegraph** (2011) EWHC 1134 (QB).
[19] Gatley, *ibid.*, 2.28, p. 65/66.

Qorti tosserva illi ż-żewġ artikoli ġew ippubblikati mill-konvenut fuq sit elettroniku, ċioe' www.simonmercieca.com fejn dak iż-żmien jidher li kien jippubblika diversi artikoli dwar temi diversi[20] fuq bażi regolari.

L-attur xehed illi "*l-impatt negattiv materjali li jkolli huwa li kif noħroġ għonqi biex nikkritika lil xi ħadd ieħor b'korruzzjoni, jiena ripetutament u konsistentement ningħata tweġibiet minn min qed jikkummenta li jien korrott ukoll*". Fir-rigward, l-attur għamel riferenza għall-kummenti ta' diversi qarrejja tal-artikolu tat-2 ta' Lulju 2023 li mir-rejazzjonijiet tagħhom jidher li aċċettaw bħala fatt dak li kiteb il-konvenut u qablu li huwa ipokrita[21]. Xehed ukoll li kellu jispjega lill-familjari tiegħu li l-allegazzjonijiet huma foloz u li qatt ma kien ġab ruħu bil-mod deskritt fl-artikoli.

Fuq kollox, l-attur ressaq prova tal-popolarita' tas-sit elettroniku tal-konvenut fejn il-konvenut innifsu kien ippubblika stqarrija dwar is-suċċess tal-*blog* li jiġi aċċessat medja ta' 20,000 darba kuljum (Dok. EDX). Il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi bħala professur tal-istorja fl-Universita' ta' Malta, ir-reputazzjoni tal-konvenut fuq livell akkademiku tikkontribwixxi biex tagħti xejra ta' korrettezza fattwali lill-kitbiet tiegħu li b'hekk jingħataw mill-qarrejja ċertu qies ta' affidabbilita'.

Għaldaqstant, tqis illi l-attur irnexxielu jipprova sodisfaċjentement li l-istqarrijiet tal-konvenut fil-pubblikazzjonijiet impunjati huma malafamanti ai termini tal-artikolu 3(4) tal-Att għaliex fihom tifsira inerentement gravi u diffamatorju u huma kapaċi jkollhom impatt negattiv ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tiegħu.

Ikkunsidrat;

Stabbilita n-natura diffamatorja tal-imputazzjoni, sija mil-lat tat-tifsira inerenti tal-imputazzjoni u kif ukoll mil-lat tal-impatt jew il-potenzjal tal-impatt ta' ħsara serja lir-

[20] Ara artikoli oħrajn li jidhru fil-ġenb tal-artikoli impunjati (Dok. A u Dok. B).
[21] Ara Dok.A u Dok. DM.

reputazzjoni tal-persuna aggravata, il-Qorti trid tgħaddi biex tistħarreġ l-eċċezzjonijiet imqanqla mill-konvenut biex jilqa' għall-azzjoni.

Il-konvenut qanqal fit-tieni pargrafu tar-Risposta, id-difiża tal-pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku kif maħsub fl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama. Dan jiddisponi hekk:-

*1) Hija difiża għal azzjoni ta' malafama li l-konvenut juri li –*
*(a) id-dikjarazzjoni li dwarha sar l-ilment kienet, jew kienet tifforma parti minn, dikjarazzjoni ta' materja ta' interess pubbliku; u*
*(b) il-konvenut raġonevolment emmen li l-pubblikazzjoni ta' dik l-istqarrija li sar l-ilment dwarha kienet ta' interess pubbliku.*

Għas-suċċess ta' din id-difiża, il-konvenut irid qabel xejn jissodisfa r-rekwiżit li l-pubblikazzjoni, *in toto* jew in parti, trid tkun dwar materja ta' interess pubbliku. L-Att ma jipprovdix definizzjoni jew linji gwida dwar it-tifsira tal-kunċett ta' interess pubbliku, u dan sewwasew biex il-kwistjoni tiġi deċiża mill-qorti skont il-każ li jkun. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-oqsma tal-amministrazzjoni tal-gvern, kondotta politika u involviment f'reati serji, ilkoll għandhom jitqiesu b'mod ġenerali li huma materji ta' interess pubbliku, għaliex huma materji:- "... '*such as to affect people at large, that they may be legitimately interested in, or concerned at, what is going on; or what may happen to them or to others*."[22]

Ukoll, jitqies li huwa ta' interess pubbliku, materja li tikkonċerna:

"*... the conduct of any person that inherently, expressly or inferentially invited public criticism or discussion.*"[23]

---

[22] Collins, *supra*, 9.86, p. 213.
[23] **John Fairfax Publications Pty Ltd. V. Hitchcock** (2007) NSWCA 364 70 NSWLR 484 para. 143.

Gatley jelenka serje ta' materji oħrajn li skont diversi deċiżjonijiet tal-qrati in tema tal-kunċett tal-interess pubbliku, ġew meqjusa bħala ta' interess pubbliku:- *"... the business of government and political conduct; ... the fair and proper administration of justice; ... the conduct of the police; cheating, corruption ... involvement in serious crimes; corporate malpractice; ...*"

Kif rajna, il-konvenut jikkritika lill-attur minħabba l-kondotta mhux etika u addirittura illeċita li mexa biha meta kien jokkupa kariga fil-Gvern bħala *chief of staff* tal-Ministru Austin Gatt, b'mod speċifiku in konnessjoni man-negozjati li kienu saru ma' Keith Schembri dwar proposta għall-investiment fis-settur tal-films, bl-akkwist ukoll tas-sit konċess mill-Gvern lill- Mediterrean Film Studios. Il-konvenut jimplika li l-attur kien għalaq il-bieb għan-negozjati biex bis-saħħa tal-kariga pubblika tiegħu, jikseb vantaġġ personali għalih jew għal ħaddieħor billi mar jinnegozja direttament mal-kumpannija estera flimkien ma' terzi persuni.

Għalkemm mhux meħtieġ illi kull silta fil-pubblikazzjoni tiġi ġustifikata bħala materja ta' interess pubbliku - għaliex l-istorja trid tittieħed b'mod sħiħ biex jiġi determinat jekk ġietx ippubblikata dwar materja ta' interess pubbliku - għandu jiġi senjalat ukoll li jista' jkun il-każ fejn għalkemm minn perspettiva wiesa', is-soġġett in materja fil-pubblikazzjoni jitqies li huwa ta' interess pubbliku ġenerali, mhux l-istess jgħodd għall-istqarrija speċifika taħt skrutinju, bir-riżultat li d-difiża taħt l-artikolu 5 tal-Att ma jkunx isib riskontru in kwantu l-kontenut **kollu** tal-pubblikazzjoni.

**Fil-każ in diżamina, il-Qorti tista' tasal biex taqbel li l-materja ġenerali tal-pubblikazzjonijiet, in kwantu jirrapportaw dwar in-negozjati bejn il-gvern u l-privat b'rabta mal-akkwist tal-faċilitajiet tal-films fuq sit pubbliku, u dwar xi irregolaritajiet jew nuqqasijiet riskontrati fl-imġieba tal-attur meta kien jokkupa kariga pubblika, tista' titqies bħala materja ta' interess pubbliku għaliex tikkonċerna l-kondotta tal-gvern.**

**Madanakollu, hija l-fehma tal-Qorti illi l-pubblikazzjoni tal-fehma tal-konvenut dwar aġir kriminali da parti tal-attur (korruzzjoni u mafia) u l-mottiv wara dak l-aġir (rgħiba), ma tistax titqies bħala materja ta' interess pubbliku għaliex ma jikkontribwixxu bl-ebda mod għall-element tal-interess pubbliku fil-pubblikazzjoni.**

Il-House of Lords fid-deċiżjoni fil-każ **Flood v Times Newspapers Limited** (2012), riteniet hekk:-

"*although the question of whether the story as a whole as a matter of public interest must be determined by the court, the question of whether defamatory details should have been included is often a matter of how the story should have been presentend. On that issue, allowance should be made for editorial judgement*".[24]

Fil-fatt, it-tieni rekwiżit li jeħtieġ li jiġi sodisfatt biex ir-rapportaġġ dwar materja ta' interess pubbliku jingħata l-protezzjoni tal-liġi, huwa li l-pubblikatur raġonevolment emmen – kemm minn perspettiva oġġettiva kif ukoll minn perspettiva soġġettiva - li l-pubblikazzjoni ta' dik l-istqarrija li sar l-ilment dwarha kienet ta' interess pubbliku, kriterju li inerentement jeskludi l-eżistenza tal-malizzja jew malafede[25].

Il-Qorti wara li rat l-atti u l-provi, m'hijiex persważa li l-istqarrijiet li diġa' qieset li m'humiex dwar materja ta' interess pubbliku, setgħu kienu soġġetti għal xi indaġni serju u dettalljat da parti tal-konvenut – għall-kuntrarju, Ashley Galea, il-persuna li l-konvenut espona bħala l-uniku sors tal-informazzjoni li ppubblika fl-artikoli impunjati, ma jirriżultax li kien direttament involut fin-negozjati li kienu saru bejn l-attur u Keith Schembri u s-soċji tiegħu, u qatt ma attenda ebda laqgħa fejn ġew diskussi l-proposti għall-akkwist tas-sit konċess lil Mediterranean Film Studio. Ashley Galea lanqas qatt irċieva xi komunikazzjoni direttament mingħand l-attur jew

---

[24] Per Lord Dyson – Gatley 15.7 ("*Inclusion of the material complained of*") p. 647

[25] Is-subartikolu (4) tal-artikolu 5 tal-Att jipprovdi li fid-deċiżjoni dwar jekk kienx raġonevoli għall-konvenut li jemmen li l-pubblikazzjoni ta' dik id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet fl-interess pubbliku, il-Qorti għandha tippermetti ġudizzju editorjali.

il-gvern b'rabta mal-materja taħt diskussjoni. Kemm hu hekk, huwa xehed biss dwar dak li kien qallu Keith Schembri jew l-avukat tiegħu. Ma jirriżultax illi l-konvenut, qabel ippubblika l-artikoli, fittex il-verżjoni ta' Keith Schembri, Pierre Sladden, il-Kummissarju tal-Films jew addirittura l-konċessjonarju tas-sit fejn kienu jinsabu l-faċilitajiet, liema persuni jidher li kellhom rwol dirett fid-diskussjonijiet dwar it-trasferiment tal-konċessjoni enfitewtika mal-gvern. Għall-Qorti, investigazzjonijiet serji kienu jiddettaw *de minimis* li jsir tentattiv biex l-informazzjoni tinġieb minn persuni li jafu *di proprio* l-fatti mertu tal-pubblikazzjoni, liema persuni l-konvenut ma jidhirx li kien impedit b'xi mod milli jikseb il-verżjoni tagħhom, għaliex per eżempju ma kienux rintraċċjabbli jew aċċessibbli.

Kemm hu hekk, għalkemm jingħad illi fl-istħarriġ dwar it-tieni rekwiżit għas-suċċess tad-difiża tal-pubblikazzjoni dwar materjal ta' interess pubbliku: "*the truth or falsity of the allegation complained of is not one of the relevant circumstances* [of the reasonable belief test]"[26], fil-każ in diżamina ma hemm xejn x'juri li l-konvenut ħa xi passi serji biex jivverifika l-verita' tal-istqarrija in diżamina. Fir-rigward, ġie ritenut[27]: "*it will not be, or is unlikely to be, in the public interest to publish material which has not been the subject of responsible journalistic inquiry and consideration*".

Barra dan il-fatt li ma jidhirx li kien hemm xi urġenza għall-pubblikazzjoni tal-imputazzjonijiet dwar il-kondotta illeċita u mhux ortodossa tal-attur meta kien jokkupa kariga pubblika, u lanqas jidher li l-allegazzjonijiet dwar dik il-kondotta kienu diġa' ġew ippubblikat jew kienu qed jiġu diskussa fil-midja fiż-żmien tal-pubblikazzjonijiet impunjati. Fuq kollox, il-Qorti ma identifikat ebda fattur ieħor oġġettivament riskontrabbli li jnissel inferenza illi l-passi li ttieħdu biex tinġabar u tiġi pubblikata l-informazzjoni dwar il-kondotta tal-attur, wisq inqas dwar il-mottivi ta' dik il-kondotta, kienu responsabbli.

---

[26] **Economou v. De Freitas** (2016) EWHC 1853 (QB). Ġie ritenut ukoll: "*It is not necessary or relevant to determine whether the publication was true or not. None of Lord Nicholls 10 considerations require such a determination and some of them (for example number 8), positively suggest otherwise.*" – **GKR Karate (UK) Ltd v. Yorkshire Post Newspapers Ltd** (2001) 1 WL 2571 at 2578-2579.
[27] Per Lord Mance – Gatley 15.7 ("*Inclusion of the material complained of*") p. 647.

Għalhekk, minn perspettiva oġġettiva, id-deċiżjoni tal-konvenut li jippubblika l-allegazzjoni dwar il-mottivi ulterjuri li minħabba fihom ma mmaterjalizzax il-proġett propost minn Keith Schembri għall-investiment fil-faċilitajiet tal-films, u kondotta li tagħti x'tifhem li l-attur mexa b'mod illeċitu u b'nuqqas ta' etika fin-negozajati relattivi, ma tistax titqies li tissodisfa l-kriterju tal-ġornaliżmu responsabbli.

Anke mil-lat soġġettiv tat-tieni kriterju tad-difiża taħt l-artikolu 5 tal-Att, il-Qorti hija tal-fehma illi fl-assjem tal-fatturi kollha appena kkunsidrati, il-konvenut ma setax raġjonevolment jemmen l-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet tal-konvenut, impunjati mill-attur, kienet dwar materja ta' interess pubbliku, u dan wara li qieset l-isfond tar-relazzjoni pubblika bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat l-atti u fehmet li l-partijiet, li ż-żewġ partijiet kienu jippubblikaw *blog* fiż-żmien tal-pubblikazzjonijiet impunjati, kienu jesprimu veduti differenti ferm (per eżempju rigward il-materja tal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia) u jidher li kienu mdorrijin jaqraw il-kritika reċiproka fil-*blog*s u l-kitbiet pubbliċi rispettivi tagħhom[28], liema kritika mhux dejjem kien ikun sottili jew diplomatiku. Minn dan il-Qorti fehmet illi l-kritika tal-konvenut fil-konfront tal-attur fiż-żewġ pubblikazzjonijiet in diżamina, hija biss episodju ieħor f'sensiela ta' kritika reċiproka li kienet qed issir botta u risposta bejn il-partijiet fil-*blog*s rispettivi tagħhom.

Konformement, m'hi xejn konvinta illi l-konvenut emmen, mil-lat soġġettiv, li l-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet impunjati kienet dwar materja ta' interess pubbliku.

---

[28] Ara l-Affidavit u x-xhieda ta' Emanuel Delia in kontro-eżami; ukoll l-Affidavit ta' Simon Mercieca fejn xehed hekk: *"... hu, aktar minn darba, kiteb – qabel ma qatt għidtlu li hu mafjuż – li jien mafjuż. Is-Sur Delia qed jagħmel din l-allegazzjoni għaliex qed jinsinwa li jien qed nitħallas minn Yorgen Fenech. ... Mela, waqt li Manuel Delia għandu dritt li jkun ossessjonat dwari u jikteb li jien mafjuż, jien ma nistax nitkellem fuqu. ... Nixtieq ngħid li din mhux l-ewwel darba li għajjarni mafjuż. Kien hemm darbiet oħra fejn għajjarni mafjuż, u darba anki kiteb li jien sejjer ġo l-agħar post tal-infern ... Dan hu l-link tal-artikou fejn jien issejjaħt bħala Mafia Professor. ... L-istess Manuel Delia ma għandux diffikolta' li jtella' artikoli fuqi, jgħajjarni dwar il-kapaċitajiet akkademiċi tiegħi u jallega li qed jitħallas mingħajr ma jġib prova waħda minn Yorgen Fenech."*

Għaldaqstant, it-tielet eċċezzjoni fir-risposta tal-konvenut m'hijiex mistħoqqa u ma tistax tintlaqa'.

Ikkunsidrat;

Il-konvenut jeċċepixxi fir-raba' eċċezzjoni, li l-pubblikazzjoni impunjata tammonta għal "*fair comment*".

Il-Qorti tibda biex tosserva illi d-difiża ta' *fair comment* ma kienetx kontemplata espressament fil-Liġi dwar l-Istampa (Kap. 248), iżda kienet rikonoxxuta u msawra mill-ġurisprudenza. Għalkemm din id-difiża ma tissemmiex lanqas fl-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579)[29], ġiet, minflok, kodifikata statutorjament bħala d-difiża tal-"*opinjoni onesta*"[30] u tinsab regolata mill-istess kriterji identiċi li jsawru d-difiza magħrufa bħala *honest opinion* fid-dispozizzjonijiet tal-artikolu 3 tad-Defamation Act (UK) 2013. Iżda għalkemm huma applikabbli għal din id-difiża kriterji iktar wiesa' minn dawk li kienu ġew żviluppati mill-ġurisprudenza għas-suċċess tad-difiża tal-*fair comment*[31] – naturalment bil-għan li jkompli jiġi aġevolat il-liberta' tal-espressjoni - hu ovvju illi d-difiża tal-opinjoni onesta effettivament tirrappreżenta fis-sostanza dik li qabel kienet tissejjaħ *fair comment.*[32]

Għalhekk il-Qorti tqis illi l-opinjoni onesta ma għandhiex titqies bħallikieku hija xi kunċett novell li jikkostitwixxi difiża sostantivament differenti minn dik tal-kumment ġust u għalhekk jinħtieġ li l-eċċezzjoni ta' "*fair comment*" sollevat mill-konvenut fir-Risposta tiegħu, tiġi trattata bħala eċċezzjoni ta' opinjoni onesta a tenur tal-artikolu 4(2) tal-Att.

---

[29] Minn hawn 'il quddiem imsejjha "l-Att".

[30] Artikolu 4(2) tal-Kap. 579.

[31] Diversament mill-fair comment, l-opinjoni onesta tista' tiġi mqajma bħala difiża anke jekk il-kumment impunjat ma jkunx sar dwar materja ta' interess pubbliku ġenerali.

[32] Collins jgħid hekk fir-rigward tad-difiża ta' "*honest opinion*":- "*... the common law defence of fair comment has been abolished .... and* ***replaced with a statutory defence of honest opinion that is intended for the most part to reflect the common law***."[32] [enfasi tal-Qorti]

Illi biex tiġi sollevata b'suċċess id-difiża tal-opinjoni onesta, irid jintwera illi d-dikjarazzjoni li dwarha tkun saret l-ilment, hija dikjarazzjoni ta' opinjoni.

Ġie ritenut illi jekk l-imħarrek f'azzjoni għal malafama: "*sets out the facts correctly, and then gives his inference, stating it as his inference from those facts, such inference will as a rule, be deemed to be comment*".[33]

Applikat dan għall-istqarrijiet impunjati meħudin komplessivament, il-Qorti tqis illi d-dikjarazzjonijiet li saru mill-konvenut fil-pubblikazzjoni mertu tal-azzjoni, fejn l-ewwel għamel imputazzjonijiet ta' kondotta speċifika fil-konfront tal-attur b'rabta man-negozjati għall-akkwist tal-film studios, u mbagħad abbażi tagħhom inferixxa li l-istess attur huwa ipokrita li uża l-kariga pubblika tiegħu biex jaġevola interessi finanzjarji personali, huma inddubjament dikjarazzjonijiet ta' opinjoni għall-fini tal-artikolu 4(2)(a) tal-Kap. 579, mhux stqarrijiet ta' fatt. Għaldaqstant, l-azzjoni hija opponibbli bid-difiża tal-opinjoni onesta.

Huwa ppruvat ukoll, għall-fini tal-artikolu 4(5) tal-Att, li l-attur huwa persuna pubblika għaliex huwa ġornalist li kien ukoll jippubblika artikoli fuq *blog*, u huwa wkoll attivist b'kariga fis-soċjeta' ċivili 'Repubblika' li tikkampanja favur soċjeta' mibnija fuq il-prinċipji tad-demokrazija, fosthom is-saltna tad-dritt, governanza tajba u kontra l-korruzzjoni. Mhux hekk biss: fil-passat kien jokkupa kariga pubblika bħala *chief of staff* tal-Ministru tat-Trasport u l-fatti attribwiti lilu fil-pubblikazzjonijiet impunjati jirreferu għall-aġir tiegħu meta kien jokkupa dik il-kariga pubblika, kif ukoll ir-rwol tiegħu bħala attivist tas-soċjeta' ċivili.

Irid jintwera wkoll, skont il-paragrafu (b) tal-artikolu 4(2) tal-Att, illi d-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment indikat, kemm f'termini ġenerali jew speċifiċi, il-bażi tal-opinjoni, ċioe' il-fatti li fuqhom il-kumment ikun ibbażat. Dan ir-rekwiżit huwa marbut intrinsikalment mar-rekwiżit illi l-fatti li jinġiebu in sostenn tal-

---

[33] **Kemsley v. Foot** (1952) AC 345 at 357 (citat f'Duncan & Neill 13.13)

kumment iridu jkunu veri jew ibbażati fuq dikjarazzjonijiet privileġġati. Fin-nuqqas jew insuffiċjenza tal-indikazzjoni fil-pubblikazzjoni impunjata nnifisha, tal-bażi tad-dikjarazzjoni jew il-fatti li jissostanzjawh, il-qarrej ikun propens li jirrifjuta l-inferenza li titnissel mid-dikjarazzjoni.

Huwa evidenti minn qari ħafif tal-istqarrijiet impunjati fl-assjem tagħhom, illi l-opinjoni tal-konvenut li l-attur huwa ipokrita u li l-kondotta tiegħu fil-kariga pubblika tiegħu kienet imniġġsa b'nuqqas ta' etika u trasparenza u iktar, hija bbażata fuq l-istqarrijiet fattwali dwar il-kondotta tal-attur b'rabta man-negozjati li allegatament kienu qed isiru ma' Keith Schembri għal investiment fil-faċilitajiet tal-films fis-sit konċess mill-Gvern lil Mediterranean Film Studios.

Biex jirnexxi f'din id-difiża, il-konvenut jeħtieġlu jipprova, addizzjonalment, illi persuna onesta setgħet ikollha dik l-opinjoni abbażi ta' –

(i) kwalunkwe fatt li **eżista fiż-żmien** li fih id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet ippubblikata; jew
(ii) kull ħaġa affermata bħala fatt f'dikjarazzjoni privileġġjata ppubblikata **qabel** id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment. (enfasi tal-Qorti)

Dan ifisser illi l-konvenut jeħtieġlu juri li jkun eżista xi fatt indipendenti fiż-żmien tal-pubblikazzjoni – b'wieħed mill-mezzi msemmija fil-paragrafi (i) jew (ii) tal-artikolu 4(2)(ċ) tal-Att - li abbażi tiegħu persuna onesta setgħet qablet mal-espressjoni tad-dikjarazzjoni fil-pubblikazzjoni tiegħu[34]. Mhux meħtieġ li l-konvenut jipprova l-verita` sostanzjali ta' **kull** allegazzjoni ta' fatt li fuqha tinsab imsejsa l-opinjoni, basta jagħti sostenn fattwali suffiċjenti lill-imputazzjoni.

---

[34] Din il-fehma Collins jibbażaha fuq il-premessa li:- "*The section 3 defence* [l-ekwivalenti tal-Artikolu 4(2) tal-Att) ... *liberalizes the law quite radically. It will seemingly be open to defendants, in order to establish the third condition for the operation of the defence, to fish around for facts, or matters asserted to be facts in privileged statements, even if those facts or matters were not known to them at the time they expressed their opinions ...*" – Collins On Defamation, *supra* 9.32 p. 198.

F'kull każ, biex il-Qorti tasal biex tqis lill-opinjoni tal-konvenut bħala opinjoni ta' persuna onesta, trid tistabbilixxi abbażi tal-provi prodotti li fiż-żmien tal-pubblikazzjoni impunjata kienu jeżistu fatti, jew ħaġa affermata bħala fatt f'dikjarazzjonijiet privileġġjati, li abbażi tagħhom persuna onesta jista' jkollha l-fehma li ġiet dikjarat mill-konvenut fil-pubblikazzjonijiet ċioe', f'dan il-każ, illi l-attur Emanuel Delia huwa ipokrita għaliex illum jikkampanja kontra l-korruzzjoni u nuqqas ta' governanza tajba meta fil-kariga pubblika li kien jokkupa fil-passat, kien jimxi huwa stess bl-istess kondotta illeċita u mhux etika u b'nuqqas ta' trasparenza li llum jikkundanna bħala attivist u fil-kitbiet ġornalistiċi tiegħu.

L-imħarrek f'azzjoni għal malafama, meta jiġi biex jissodisfa l-kriterju tal-prova tal-fatti eżistenti li jissostanzjaw l-opinjoni (taħt il-paragrafu (i) tal-artikolu 4(2)(a) tal-Att), m'huwiex ristrett biss għal dawk il-fatti li ġew imsemmija jew indikati fil-pubblikazzjoni impunjata bħala l-bażi tal-opinjoni, u jista' jressaq prova ta' kwalunkwe fatt li eżista fiż-żmien tal-pubblikazzjoni mingħajr limitazzjoni (anke dawk il-fatti li ma kienx jaf bihom speċifikatament fiż-żmien tal-pubblikazzjoni, għaliex dan m'huwiex wieħed mir-rekwiżiti msemmija fil-liġi għas-suċċess tad-difiża).

Il-konvenut odjern jipprova jiġġustifika l-imputazzjoni ta' ipokrisija fil-konfront tal-attur billi jagħmel riferenza għal diversi pubblikazzjonijiet tal-attur li fihom kien jgħajjar lil kull min kien ħa xi rigal mingħand Yorgen Fenech bħala mafjuż, u jagħmel riferenza wkoll għall-fatt illi in segwitu, l-istess attur ammetta li kien irċieva wkoll hu stess rigali mingħand missier Yorgen Fenech fiż-żmien meta kien jokkupa kariga pubblika fil-Ministeru ta' Austin Gatt. Skont il-konvenut, il-fatt li l-attur, li kien għajjar lilu pubblikament fil-kitbiet tiegħu li huwa mafjuż għaliex jitħallas minn Yorgen Fenech jew il-familja tiegħu biex jitkeb favur il-każ ta' Yorgen Fenech[35], ammetta espressament li kien irċieva wkoll hu stess rigali mingħand Yorgen Fenech,

[35] Jagħmel riferenza għal numru ta' artikoli ostensibbilment ippubblikati mill-attur fuq il-*blog* tiegħu fir-rigward.

ifisser li l-kritika tiegħu tal-attur bħala mafjuż hija ġustifikata[36] għaliex l-attur huwa bil-kejl tiegħu stess, mafjuż.

Fir-rigward tal-allegazzjoni li l-attur jipprattika ġornaliżmu selettiv, il-konvenut sostna wkoll li l-attur jagħżel min jikkritika u żamm lura milli jikkritika lil Keith Schembri fil-protesti tiegħu bħala attivist ma' Repubblika in konnessjoni mad-delitt tal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia – allegazzjoni li madankollu, m'hijiex ippruvata għaliex l-attur wera li kien ippubblika varji artikoli fejn jikkritika l-kondotta ta' Keith Schembri b'rabta mal-materja tal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia.

Fl-Affidavit tiegħu, il-konvenut jipprova jiġġustifika d-deskrizzjoni tal-attur bħala "*crook*" abbażi ta' dak li seħħ fil-każ tan-negozjati ma' Keith Schembri dwar il-proġett tal-film studios u għaliex "*ibiddel l-argument kif jaqbillu*". Jirriferi wkoll fix-xhieda tiegħu għal artikolu ppubblikat fuq Maltatoday fejn Saviour Balzan għajjar lil Manuel Delia bħala "*faċċjol*", kelma li fil-fehma tal-konvenut għandha l-istess tifsira ta' '*crook*', u wkoll għal silta (li ma hemmx riferenza minn fejn inġiebet) fejn ingħad hekk: "*Balzan says people are right to question Manuel Delia's credibility as a latter day good governance activist after having remained silent in other times when many of the same problems existed.*"

Madankollu, apparti l-fatt li l-opinjoni ta' xi ħaddieħor, wisq inqas l-opinjni ta' xi ħadd injot, ma jfissirx neċessarjament li tirrappreżenta l-opinjoni ta' persuna onesta skont kif imfisser fl-Att, hija nieqsa l-prova li d-dikjarazzjonijiet li jagħmel riferenza għalihom il-konvenut huma dikjarazzjonijiet privileġġjati li kienu pubblikati qabel l-artikoli impunjati fil-kawża skont kif imfisser fis-subartikolu (4) tal-artikolu 4 tal-Att. Fuq kollox, il-Qorti ma taqbilx li l-allegazzjoni (tal-konvenut) li l-attur Emanuel Delia kien irċieva mingħand il-familja ta' Yorgen Fenech donazzjoni ta' ftit flus u l-użu ta' sala b'xejn għall-finijiet tal-kampanja elettorali tiegħu iktar minn għaxar snin ilu meta

[36] *"Ara Delia jista' jieħu rigali mingħand Yorgen Fenech meta kien Chief of Staff, imma alla ħares ikun hemm xi politiċi oħra li jitolbu xi rigal, għaliex f'dak il-każ Delia jattakkahom bla waqfien."* – paġna 371 tal-atti tal-kawża.

Yorgen Fenech ma kienx akkużat bl-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia, tista' titqiegħed fuq l-istess livell ta' allegazzjonijiet – li huma t-teżi tal-attur - dwar pagamenti magħmula minn jew għan-nom ta' Yorgen Fenech wara li ġie akkużat b'kompliċita' fil-qtil ta' Dahne Caruana Galizia, biex, allegatament, jiġi finanzjat kampanja ta' diżinformazzjoni b'rabta mal-akkużi kontrih u dwar l-omiċidju in ġenerali.

B'żieda ma' dan, u in sostenn tal-fehmiet tiegħu b'rabta mal-fatti speċifiċi tal-każ tan-negozjati ma' Keith Schembri u s-soċji tiegħu dwar investiment fis-settur tal-films, mertu taż-żewġ artikoli impunjati f'din il-kawża, il-konvenut ġab 'il quddiem bħala xhud lil Ashley Galea biex jissostanzja l-bażi fattwali li fuqha hija msejsa l-opinjoni li tikkostitwixxi l-imputazzjonijiet diffamatorji.

Ashley Galea, il-persuna li skont il-konvenut kien is-sors tal-informazzjoni fiż-żewġ artikoli impunjati, xehed illi huwa jista' jikkonferma l-korrettezza tal-fatti rapportati fl-artikolu tat-2 ta' Lulju 2023 in kwantu l-fatti dwar in-negozjati li kienu saru mal-Gvern għall-ħabta tal-2006 jew 2007 b'rabta mal-akkwist tal-faċilitajiet tal-films f'Rinella. Xehed illi Keith Schembri u Pierre Sladden kienu avviċinawh meta kienu qed jesploraw il-possibbilita' li jixtru l-Mediterranean Film Studios wara li kien sar *feasibility study* minn PWC, u fir-rigward huwa kien ikkonkluda ftehim ma' Ascent Media Groupe (Europe), ibbażat f'Londra, li aċċettat li tkun soċju fil-proġett. Dan il-proġett kien jinkludi l-akkwist tat-titolu fuq is-sit konċess dak iż-żmien lil Mediterranean Film Studios Limited u l-prezz li kien ġie miftiehem ma' Jost Merten għan-nom ta' dik il-kumpannija, kien ta' 1.2 miljun lira Maltija. Ikkonferma illi madankollu, hekk kif ġie żvelat li s-soċju fil-proġett kien Ascent Media Group, il-Ministru Austin Gatt u l-assistent tiegħu Manuel Delia kienu imponew numru ta' kundizzjonijiet li kellhom jiġu sodisfatti biex il-Gvern japprova t-trasferiment tal-konċessjoni, inkluż żieda sostanzjali fil-prezz tal-bejgħ u l-ħlas tal-kont tal-ilma dovut minn Mediterranean Film Studios. Minħabba l-impożizzjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet ġodda, l-investituri dehrilhom li l-proġett ma kienx iktar vijabbli u kien ser ikun wisq riskjuż, bil-konsegwenza li l-proġett ma mmaterjalizzax.

Madankollu, Ashley Galea iddikjara li huwa qatt ma kien attenda ebda laqgħa b'rabta man-negozjati, u ma kienx innegozja personalment jew direttament mal-attur, iżda kien qed jinnegozja ma' Keith Schembri u Pierre Sladden u Ascent Media Group (Europe). Ikkonferma li l-laqgħat ma' Josh Merten, il-Kummissarju tal-Films u mal-attur u l-Ministru Gatt, kienu jsiru ma' Keith Schembri, Pierre Sladden u l-avukat tagħhom u mhux miegħu, iżda sostna li meta kien jiġi Malta u jiltaqa' ma' Keith Schembri, kien jara dokumenti dwar il-proġett, inkluż emails li kienu jintbagħtu lil Keith Schembri bħala parti min-negozjati mal-Gvern. Ma kienx preżenti lanqas meta ntlaħaq ftehim bejn il-Kummissarju tal-Films u Josh Merten dwar il-prezz tat-trasferiment tal-konċessjoni fuq is-sit u l-faċilitajiet.

B'riferenza għal dak li seħħ matul il-laqgħa fejn ġie żvelat l-interess ta' Ascent Media Group fil-proġett tal-investiment, f'liema laqgħa l-attur, allegatament, għamel notament bl-isem Ascent Media u telaq mill-kamra biex jagħmel tfittxijiet fuq Google dwar l-istess kumpannija, Ashley Galea kkonferma fix-xhieda tiegħu li ma kienx preżenti fil-laqgħa, iżda kienu qalulu b'dak kollu li kien seħħ, Keith Schembru l-avukat Muscat Azzopardi. Sostna wkoll li dak iż-żmien, kull tfittxija *online* tal-isem Ascent Media kienet ittella' qabel kollox l-informazzjoni dwar il-fergħa tal-kumpannija fl-Istati Uniti, mhux Ascent Media Group Europe li magħha huwa kien ikkonkluda l-ftehim għall-investiment fil-proġett tal-film studios f'Malta.

Kif taraha l-Qorti, ix-xhieda ta' Ashley Galea dwar dak li qalulu Keith Schembri, Pierre Sladden jew l-avukat tagħhom dwar in-negozjati u laqgħat li kellhom ma' Mediterranean Film Studios, il-Kummissarju tal-Films, Emanuel Delia u l-Ministru Austin Gatt, in konnessjoni mal-proġett tal-investiment fil-film studios u l-akkwist tat-titolu fuq is-sit relattiv, tikkostitwixxi xhieda fuq kliem ħaddieħor u bħala tali ma tiswix bħala prova ta' dak li attwalment seħħ. Fl-aħjar ipotesi, tikkostitwixxi biss prova li Keith Schembri u s-soċji tiegħu qalulu hekk. Din ix-xhieda ma tgħoddx lanqas bħala prova tal-fatt li l-attur, anke jekk tassew għamel xi tfittxija waqt xi laqgħa, dwar il-kumpannija Ascent Media, għamel xi ħaġa ħażina, wisq inqas ma

jfisser li b'hekk iddeċieda li jħassar in-negozjati ma' Keith Schembri għaliex kellu interess personali li jinnegozja hu stess direttament ma' Ascent Media jew jaġevola l-interessi ta' terzi li setgħu kienu wkoll interessati fi proġett simili. Il-Qorti ma riskontrat ebda prova kwalsiasi tar-raġuni l-għala n-negozjati ma' Keith Schembri ma tkomplewx. Fin-nuqqas tax-xhieda diretta ta' Keith Schembri u s-soċji tiegħu fil-proġett li kienu involuti direttament fid-diskussjonijiet mal-Gvern jew mal-konċessjonarju tas-sit, jew ix-xhieda ta' Oliver Mallia jew Josh Merten li skont ix-xhud kienu l-persuni li kienu direttament involuti fin-negozjati u laqgħat u fil-ftehim dwar il-prezz ta' 1.2 miljun Lira Maltija, il-Qorti ma tistax ma tagħtix piż lix-xhieda tal-attur u x-xhieda ta' Austin Gatt bħala prova tar-raġuni l-għala n-negozjati ma' Keith Schembri ma tkomplewx. Tinnota wkoll li ma nġiebet ebda prova tal-email jew ittra li allegatament intbagħat lil Keith Schembri fejn suppost intalab prezz ferm iktar għoli minn dak li kien ġie negozjat u lanqas prova li dan intbagħat fuq struzzjonijiet tal-attur.

Il-Qorti wara li analizzat ix-xhieda, fehmet illi l-Gvern ried jiġbor il-ħlas tal-arretrati taċ-ċens u l-ħlas tal-kontijiet tal-utilitajiet dovuti minn Mediterranean Film Studios Limited fuq is-sit tal-film studios – esiġenzi li qajla jistgħu jitqiesu, talanqas b'mod oġġettiv, bħala iebsin hew irraġjonevoli. Fiċ-ċirkostanzi fejn il-konċessjonarju tas-sit kien moruż fl-obbligi kuntrattwali tiegħu u evidentement ma kienx qed jinvesti fil-faċilitajiet tal-films fuq is-sit, il-Gvern ried ukoll ixolji l-konċessjoni enfitewtika relattiva u fil-fatt jidher li fiż-żmien li saret il-proposta għal investiment minn Keith Schembri fl-2006 jew 2007, il-Gvern kien diġa' istitwixxa l-proċeduri ġudizzjarji relattivi fil-konfront tal-istess konċessjonarja[37], proċeduri li ġew determinati biss fl-2014.

Il-Qorti fehmet illi Ashley Galea ħassu aggravat bil-fatt illi minkejja l-isforzi kollha tiegħu biex jikseb l-appoġġ finanzjarju ta' Ascent Media Group (Europe) fil-proġett tal-investiment, dan ma kienx irnexxa minħabba żieda astronimika fl-ammont li kellu jitħallas biex iseħħ it-trasferiment tat-titolu tal-kumpannija Mediterranean Film

[37] Kawża mibdija fl-2005: ara sentenzi Dok. XX, Dok. XY u Dok. XZ.

Studios fuq is-sit u l-akkwist tal-faċilitajiet tagħha – anziche' xi aġir tal-attur. Kemm hu hekk, il-Qorti fehmet mix-xhieda ta' Ashley Galea li l-ftehim dwar il-prezz kien intlaħaq bejn Josh Merten u Keith Schembri, u mhux mal-Gvern. Sinfikanti wkoll il-fatt illi l-lanjanza speċifika ta' Ashley Galea kienet fil-konfront tal-Kummissarju tal-Films Oliver Mallia li, skont ix-xhud, hekk kif ġie żvelat lill-Gvern Malti li l-kumpannija barranija li kienet ser tiffinanzja l-akkwist tas-sit u l-faċilitajiet tal-films kienet Ascent Media, irriżenja mill-kariga u minnufih waqqaf kumpannija tal-produzzjoni tal-films.

Ma jirriżulta minn imkien mix-xhieda u l-provi li kien l-attur li, għad illi kien ġie akkumpanjat minn Carlo Tagliabue biex jagħmel preżentazzjoni lil Ascent Media ġewwa Los Angeles dwar *locations* tal-films f'Malta, għamel hu stess kuntatt ma' Ascent Media jew li dan il-kuntatt kellu x'jaqsam mas-sit tal-film studios li kienu fil-pussess ta' Mediterranean Film Studios Limited – għall-kuntrarju, dan hu eskluż mix-xhieda ta' Ashley Galea nnifsu, kif ukoll mix-xhieda ta' Luisa Bonello u Carlo Tagliabue. Lanqas mhu ippruvat illi, kif ġie allegat mill-konvenut, il-kuntatt li kien ġie stabbilit ma' Ascent Media (US) minflok Ascent Media (Europe) kien sar bi żball b'riżultat tat-tfittxijiet *online* li allegatament sau mill-attur waqt il-laqgħa finali fejn allegatament ġie żvelat l-interess ta' Ascent Media fl-investiment prospettiv. Ukoll, l-allegazzjoni li l-attur għamel kuntatt ma' Ascent Media għaliex ried jinnegozja direttament magħha a skapitu tat-tim li kien innegozja u assigura l-appoġġ ta' Ascent Media Europe fil-proġett tal-film studios, u mhux għal skop ieħor, baqgħet mhux ippruvata u l-Qorti fehmet li din kienet biss suppożizzjoni tax-xhud. Ashley Galea ma kienx preżenti fil-laqgħa ma' Ascent Media f'Los Angeles u għalhekk l-iskop ta' dik il-laqgħa u dak li kien ġie diskuss fl-istess laqgħa seta' jiġi ppruvat biss bix-xhieda tal-attur u ta' Luisa Bonello u Carlo Tagliabue. Barra minn hekk, Ashley Galea kkonferma fix-xhieda li ma kienx involut fin-negozjati li kienu saru bejn Josht Merten ta' Mediterranean Film Studios u l-Kummissarju tal-Films, u qatt ma ltaqa' mal-attur jew mal-Ministru Austin Gatt in konnessjoni mal-proġett.

Jiġi ribadit li l-konvenut naqas milli jressaq biex jixhed lil Keith Schembri, il-persuna li kellu għarfien dirett tad-diskussjonijiet u laqgħat li saru mal-attur u li kellu jkun jaf *de proprio* x'wassal biex id-diskussjonijiet dwar il-proposti tiegħu għall-akkwist tal-faċilitajiet ta' Mediterranean Film Studios twaqqfu, l-għala l-proġett ta' investiment ma mmaterjalizzax, u l-mod allegatament mhux ortodoss li bih mexa miegħu l-Gvern rappreżentat in materja mill-attur, fid-diskussjonijiet dwar il-proġett propost. Mankanti xhieda diretta u provi dokumentarji li jevidenzjaw in-negozjati u ftehimiet li allegatament saru b'rabta mal-investiment propost minn Keith Schembri, il-Qorti ma tistax taqbel li ġie stabbilit bażi fattwali għall-imputazzjoni mnissla minn qari tal-istqarrijiet magħmula fiż-żewġ artikoli impunjati, ċioe' li l-attur mexa b'kondotta mhux etika jew xierqa fil-kariga pubblika tiegħu u huwa ipokrita.

Kif rajna, l-allegazzjonijiet ta' fatt magħmula fl-artikoli m'humiex sostanzjati bil-prova sal-grad meħtieġ fil-kamp ċivili ta' fatti eżistenti, u ma inġiebux lanqas bħala prova fl-atti proċesswali xi dikjarazzjonijiet privileġġjati pubblikati qabel l-artikoli impunjati, li fihom jinsabu affermati bħala fatt id-dikjarazzjonijiet li fuqhom il-qarrej suppost jasal biex jesprimi l-opinjoni li l-attur huwa ipokrita.

Kollox magħdud, il-Qorti tqis li l-allegazzjonijiet ta' fatt li saru mill-konvenut fiż-żewġ artikoli ma ġewx imsejsa fuq fatti sostanzjalment veri iżda fuq assunzjonijiet u konġetturi magħmulin mis-sors tiegħu li wasal għal konklużjonijiet meta ma kellux għarfien dirett tal-egħmil tal-attur fil-materja. Il-konvenut ma setax għalhekk, abbażi tat-tagħrif miksub minn dan l-imsemmi sors, jimputa mottivi ulterjuri u mhux xierqa lill-kondotta tal-attur f'dan l-episodju, u konsegwentement, id-dikjarazzjoni, abbażi ta' dawn il-konġetturi, tal-opinjoni tiegħu dwar il-karattru morali tiegħu, ma jistax jitqies bħala opinjoni ta' persuna onesta.

In konklużjoni, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi artikoli miktubin u ppubblikati mill-konvenut innifsu fuq il-*blog* tiegħu ma jiswewx bħala prova ta' dikjarazzjonijiet privileġġjati fit-termini tal-artikolu 4(4) tal-Att u għall-finijiet tal-artikolu 4(2)(ċ)(ii) tal-istess Att. Barra minn hekk, ma taqbilx li għandha tieħu konjizzjoni ta' *links* li

ġew indikati mill-konvenut fl-Affidavit tiegħu, liema *links* suppost jagħtu aċċess għal pubblikazzjonijiet li saret riferenza għalihom fl-istess xhieda, meta l-pubblikazzjonijiet infushom ma ġewx esebiti fiżikament fl-atti. Il-Qorti żgur ma hijiex serja toqgħod tagħmel hi stess tfittxijiet *online* biex tirrintraċċja xi pubblikazzjoni li skont il-konvenut għandha tikkostitwixxi prova ta' dikjarazzjoni privileġġjata, meta l-istess pubblikazzjoni kellha skont ir-regoli proċedurali in materja, tiġi prodotta fis-sura ta' dokument li jifforma fiżikament parti mill-atti, u jiġi indikat fiha il-bran jew silta li skont il-konvenut għandha tittieħed bħala prova tal-affermazzjonijiet li jipprovdu bażi fattwali għad-dikjarazzjoni ta' opinjoni tiegħu rappreżentanti l-imputazzjoni diffamatorja: *quod non est in att non est in mundi*.

Fil-qies ta' kollox, il-Qorti ma taqbilx li l-konvenut irnexxielu jipprova li jeżisti bażi fattwali għall-fehma tiegħu li l-attur huwa '*greedy*', diżonest ('*crook*') u ipokrita.

Ikkunsidrat;

Miċħudin l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u stabbiliti n-natura diffamatorja u l-impatt ta' ħsara serja tal-pubblikazzjonijiet impunjati fuq ir-reputazzjoni tal-attur, il-Qorti għandha tgħaddi biex tillikwida d-danni morali. Għal dan il-fini qieset illi l-imputazzjoni hija waħda ferm gravi għaliex hija imputazzjoni speċifika li taddebita kondotta mhux etika u ta' ipokrisija fil-konfront tal-attur, għalkemm fl-istess waqt għandu jingħata piż konsiderevoli wkoll għall-fatt notorju li ż-żewġ partijiet kienu anke fl-istess perijodu ta' żmien, jippubblikaw *blog* fejn evidentement kienu jippropagaw fehmiet u teoriji kuntrastanti dwar materji ta' interess pubbliku, fosthom dwar l-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia, u mhux l-ewwel darba li rriferew għal xulxin fl-artikoli tagħhom bi kritika reċiproka xejn diplomatiku. Dan xehduh iż-żewġ partijiet infushom u mill-atti jirriżulta wkoll li ż-żewġ partijiet jgħajru lil xulxin bħala 'mafjużi' fil-blogs rispettivi tagħhom. Il-Qorti sejra tieħu qies ta' dan il-fattur bħala wieħed li għandu jimmilita kontra likwidazzjoni ta' danni sostanzjali.

Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi l-konvenut ma eżerċitax id-diliġenza mitluba qabel ma ġiet ippubblikata l-materja malafamanti, kif ukoll il-fatt illi ma tistax tapplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 11(2) tal-Att billi l-konvenut ma kienx osserva r-rekwiżiti tal-artikolu 15(2)(d) tal-Att fil-pubblikazzjoni tar-risposta tal-attur: kif ġie stabbilit qabel, il-konvenut ma ppubblikax risposta sottomessa mill-attur bl-istess importanza bħall-pubblikazzjoni oriġinali u konsegwentement, ma jistax jibbenefika bis-sħiħ mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu 11(2) tal-Att. Iżda għall-fini tar-riżarċiment tad-danni, il-Qorti tqis li xorta waħda għandha tieħu in kunsiderazzjoni l-fatt illi l-attur beda proċeduri ta' malafama minkejja l-fatt li r-risposta tiegħu tkun ġiet ippubblikata skont dan l-Att, u dan għaliex il-Qorti sejra tordna l-ħlas ta' penali skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 15(2)(f) tal-istess Att.

Għaldaqstant, kollox magħdud il-Qorti hija tal-fehma illi għandha tillikwida danni għal malafama fis-somma ta' elf Euro (€1,000) u penali taħt l-artikolu 15(2)(f) tal-Att fis-somma ta' tliet mitt Euro (€300).

**Għal dawn il-motivi kollha, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha fir-Risposta tal-konvenut safejn mhux kompatibbli ma' dak hawn deċiż, tiddikjara li l-pubblikazzjonijiet li saru mill-konvenut fit-2 ta' Lulju 2023 (Dok. A) u fit-3 ta' Lulju 2023 (Dok. B) fuq is-sit elettroniku www.simonmercieca.com huma malafamanti fil-konfront ta' EMANUEL DELIA a tenur tal-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama u konsegwentement, tilqa' t-talba tal-attur fir-Rikors għall-ħlas ta' danni għal malafama u tikkundanna lil SIMON MERCIECA sabiex iħallsu s-somma ta' elf Euro (€1,000).**

**In kwantu għat-talba li saret taħt l-artikolu 15 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, tiddikjara li l-konvenut naqas milli josserva d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 15(2)(d) tal-istess Att fil-pubblikazzjoni fit-3 ta' Lulju 2023 (Dok. B) tar-risposta mibgħut lilu mill-attur fuq is-sit elettroniku www.simonmercieca.com u għalhekk, filwaqt li tilqa' t-talba għall-ħlas ta' penali, tikkundanna lil SIMON**

**MERCIECA biex iħallas lil EMANUEL DELIA penali fis-somma ta' tliet mitt Euro (€300).**

**L-ispejjeż kollha jbatihom il-konvenut Simon Mercieca.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**